MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 5/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Jintalab illi l-konvenut jigi ikkundannat ihallas l-ammont ta' tlett mija u erba u sittin lira maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm364.45) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 01218 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Frar 2004 u April 2004.

B'l-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru 2004, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

Ra l-kapitoli ipprezentati mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2005.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas ghal dik tallum, minghajr ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra tieghu fis-seduta tal-llum;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ LM364.45c bilanc ghal servizzi lilu resi mis-socjeta’ attrici ghax-xhur bejn Frar 2004 u April 2004 bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------